



Paġna ewlenija>Drittijietek>Il-Vittmi ta' delitti(għalkemm hawnhekk tista' tfisser ukoll tal-kriminalità)>Kumpens>

Jekk it-talba tiegħi se tinbagħat minn dan il-pajjiż għal pajjiż ieħor tal-UE

Jekk it-talba tiegħi se tinbagħat minn dan il-pajjiż għal pajjiż ieħor tal-UE

Greċja

**Liema awtorità tgħinni biex nibgħat talba pajjiż ieħor tal-UE?**

**L-Awtorità Ellenika tal-Assistenza (Ellinikí Archí Syndromís)**

96 Mesogeion Avenue

11527, Athens

Tel. +30 213 130 7056

Posta elettronika: [assistingauthority@justice.gov.gr](mailto:assistingauthority@justice.gov.gr)

[https://www.ministryofjustice.gr/English/?page\\_id=762](https://www.ministryofjustice.gr/English/?page_id=762)

**X'inhu r-rwol tal-awtorità ta' assistenza?**

Tista' tibgħatlek formola tat-talba biex timlieha u tagħtik informazzjoni dwar kwistjonijiet proċedurali u dwar id-dritt tal-Istat l-ieħor. Tista' wkoll timmedja fir-rigward ta' kwalunkwe kjarifika dwar it-talba tiegħek.

Hija tilqa' t-talba tiegħek u tgħaddiha lill-awtorità tal-assistenza korrispondenti fil-pajjiż l-ieħor, mingħajr ma hija stess tagħmel evalwazzjoni tat-talba, u tinfirmak bil-progress tal-każ.

Hija tassisti lill-awtorità ta' kumpens tal-Istat Membru kkonċernat fis-smiġħ tar-rikorrent jew ta' partijiet oħrajn bħal xhieda jew esperti.

Fuq talba mill-awtorità ta' kumpens tal-Istat Membru kkonċernat: (a) din tgħin lill-awtorità ta' kumpens meta s-smiġħ jitmexxa direttament mill-awtorità ta' kumpens, bit-telefown jew permezz ta' vidjokonferenza, skont id-dritt Grieg, f'liema każ l-Awtorità tal-Assistenza tipprovdi u tiżgura l-infrastruttura loġistika meħtieġa; jew (b) tmexxi s-smiġħ hija stess, skont id-dritt Grieg, u tibgħat rapport dwar is-smiġħ lill-awtorità ta' kumpens tal-Istat Membru kkonċernat. F'dan l-aħħar każ, ir-rapport dwar is-smiġħ, li jiffassal bil-Grieg, jiġi tradott fil-lingwa uffiċjali jew f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Istat Membru l-ieħor jew fi kwalunkwe lingwa oħra tal-UE li dak l-Istat Membru jkun iddikjara li jista' jaċċetta.

L-ispejjeż imġarrba mill-Awtorità Ellenika tal-Assistenza għal dan l-għan jitħallsu mill-Istat Grieg.

**Din l-awtorità tittraduċi d-dokumenti ta' sostenn, jekk it-talba tkun teħtieġ dan? Jekk iva, min iħallas għaliha?**

Il-formola tat-talba u kwalunkwe dokument ta' sostenn meħtieġ jiġu tradotti taħt ir-responsabbiltà u aspejjeż tal-Awtorità Ellenika tal-Assistenza fil-lingwa uffiċjali jew f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Istat Membru fejn tkun tinsab l-entità ta' kumpens li tintbagħtilha d-dokumentazzjoni, jew fi kwalunkwe lingwa oħra tal-UE li dak l-Istat Membru jkun indika li jista' jaċċetta.

**Hemm tariffi amministrattivi jew tariffi oħrajn li għandhom jitħallsu meta t-talba tintbagħat barra mill-pajjiż?**

Le, sakemm il-pajjiż li jirċievi t-talba ma jimponi ebda tariffa.

L-aħħar aġġornament: 27/04/2021

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-orijinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.